**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 ta' OTTUBRU, 2020.**

**Rikors Nru. 1208/19GM**

**HSBC Bank Malta plc C3177**

**vs**

**Darren Dimech (Karta tal-Identita` numru 575977M) u**

**Mireille Dimech (Karta tal-Identita` numru 384983M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fis-17 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu wara li esponiet:-

1. Illi in forza ta' kuntratt tal-14 t'April 2008 redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenuti konjuġi Darren Dimech u Mireille Dimech solidalment bejniethom konsistenti f'self u dan wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank attur datata 7 ta' Diċembru 2007 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-*sanction letter* annessi u mmarkati bħala **"Dok A"** u **"Dok B"** rispettivament);

2. Illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma *ai termini* tas-*sanction letter* u għaldaqstant, huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter* u tal-kuntratt ta' self relattiv;

3. Illi fuq dan is-self, il-konvenuti Darren Dimech u Mireille Dimech huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' mija u disat elef, tmin mija u tlettax-il Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€109,813.14), dovuta in kwantu għal sitta u tmenin elf, sitt mija u tlieta u għoxrin Ewro (€86,623.00) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti tlieta u għoxrin elf, mija u disgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€23,190.14) bħala imgħax ikkalkulat sat-22 t'Ottubru 2019, kif jirriżulta mill-*istatement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 14145862 (hawn anness u mmarkat bħala **"Dok C"**), u dan oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-23 t'Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi in forza ta' ftehim ieħor bejn il-partijiet, datat 3 ta' Ġunju 2011, l-istess Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja oħra lill-konvenuti Dimech solidalment bejniethom konsistenti f'*personal loan* fl-ammont ta' sebat elef Ewro(kopja tal-*personal term credit agreement* hawn anness u mmarkat bħala **"Dok D"**);

5. Illi anke fuq dan is-self, il-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tal-istess ftehim, u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess ftehim;

6. Illi għalhekk, u fir-rigward ta' dan is-self, il-konvenuti huma wkoll debituri tal-bank attur fis-somma ta' tlett elef, u seba' u sebgħin Ewro u ċenteżmu (€3,077.01), dovuta in kwantu għal elfejn, erba' mija u seba' u sittin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (€2,467.77) bħala bilanċ mill-kapitali misluf lilhom, u r-rimanenti ta' sitt mija u disa' Ewro u erba' u għoxrin ċenteżmu (€609.24) bħala imgħax ikkalkulat sat-22 t'Ottubru 2019, kif jirriżulta mill-*istatement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 013-011358-301 (hawn anness u mmarkat bħala **"Dok E"**), u dan oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-23 t'Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

7. Illi għalhekk, il-konvenuti flimkien huma debituri solidali tal-bank attur fis-somma globali ta' mija u tnax il-elf, tmin mija u disgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€112,890.15) oltre l-imgħax ulterjuri kif spjegat;

8. Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-arretrati dovuti minnhom, anki permezz ta' ittra uffiċjali li ġġib in-numru 737/18 datata l-1 ta' Marzu 2018 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala **"Dok F"**), baqgħu inadempjenti;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara li l-konvenuti Darren Dimech u Mireille Dimech huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mija u tnax il-elf, tmin mija u disgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€112,890.15) dovuta fuq iż-żewġ kontijiet kif fuq spjegat;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti solidament bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mija u tnax il-elf, tmin mija u disgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€112,890.15), u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-23 t'Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Marzu 2018 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża.

Rat illi minkejja l-intimati huma debitament notifikati[1], baqgħu ma ppreżentaw ebda risposta maħlufa fit-terminu mogħti lilhom mil-liġi u għalhekk għandhom jitqiesu li huma kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet;

Rat il-verbal tagħha tat-30 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu tat sat-30 ta' Awwissu 2020, sabiex l-intimati jippreżentaw nota' ta' sottomissjonijiet tagħhom iżda l-konvenuti baqgħu ma ppreżentaw xejn[2];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ġia ingħad il-konvenuti huma kontumaċi iżda l-attur f'każi bħal dawn xorta jrid jipprova t-talba tiegħu għaliex fl-ordinament ġuridiku tagħna, kontumaċja hija konstestazzjoni[3]. Li jfisser li "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut"[4] avoid repetitions.

**Fatti**

Illi l-Bank attur ta faċilita` bankarja lil konvenuti konjuġi Dimech f'ammont ta' €92,243.19 b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone datat 14 ta' April 2008[5]. Illi permezz ta' ftehim ieħor datat 3 ta' Ġunju 2011 l-istess Bank attur ikkonċeda faċilita` bankarja oħra lil konvenuti fl-ammont ta' €7,000[6];

Illi l-konvenuti ma baqgħux jaffettwaw pagamenti mensili kif obbligati li jagħmlu u għalhekk huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-

[1] Fol 38

[2] Fol 41

[3] Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, 27.03.1996.

[4] Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 Kollez. Vol. XXIX.iii.35).

[5] Dok A a fol 7

[6] Dok D a fol 20

kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' self u konsegwentament huma debituri solidali tal-bank attur fl-ammont intier ta' **€112,890.15**, in kwantu għal sitta u tmenin elf, sitt mija u tlieta u għoxrin Ewro (€86,623.00) bħala bilanċ mill-kapital ta' €92,243.19 misluf lilhom, u tlieta u għoxrin elf, mija u disgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€23,190.14) bħala imgħax ikkalkulat sat-22 t'Ottubru 2019[7] u elfejn, erba' mija u seba' u sittin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (€2,467.77) bħala bilanċ mill-kapitali ta' €7,000 misluf lilhom, u sitt mija u disa' Ewro u erba' u għoxrin ċenteżmu (€609.24) bħala imgħax ikkalkulat sat-22 t'Ottubru 2019[8];

**Ikkunsidrat:**

*Storja qasira tal-istitut tal-kontumaċja*

Illi kif ġie spjegat ben tajjeb fil-kawża **Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townshend** [9]:

> "Illi jekk tħares lejha mil-lat oġġettiv, kontumaċja tfisser, iktar milli ma tkunx preżenti waqt is-smiegħ fil-kawża, li ma tiddefendix ruħek – *non defendere videtur, non tantum qui latit, sed is qui praesens negat se defendere, aut non vult suscipere actionem"; [10]*

Illi lil hinn mill-użu tagħha fil-foro legali, fl-ilsien Taljan, il-kelma *contumacia* kienet oriġinarjament tfisser diżubbidjenza b'riżultat ta' suppervja; li wieħed ma jbaxxix rasu għall-awtorita` tal-Knisja minkejja l-konsegwenza serja li jista' jiġi skumnikat; f'termini iktar ġenerali li wieħed ma jbaxxix rasu quddiem superjur tiegħu: "*Contumacia è quando l'uomo ha in dispetto suo maggiore, e negali di fare l'onore o 'l servigio che per ragione li dé fare* "[11]. Skont il-**Libro de' vizî e**

[7] Dok C a fol 17

[8] Dok D a fol 20

[9] Prim'Awla - 16.10.2017

[10] (1. 52, ff. *de div. regul.jur.).*

[11] XXV 14

**delle virtudi** ta' **Bono Giamboni**, il-kontumaċja "è elencata tra i vizi che derivano dalla vanagloria."[12]

Illi fi żminijiet bikrija, kienu jintużaw mezzi iktar enerġiċi biex iġiegħlu lill-konvenut jidher għall-ġudizzju: l-attur kien awtorizzat ikaxkar lill-konvenut riluttanti – *abtorto collo* (litteralment: b'għonqu mgħawweġ. Fil-lingwaġġ komuni Ruman din il-frażi kienet tfisser li wieħed ikun imġiegħel jagħmel xi ħaġa) għal quddiem l-imħallef. Iktar tard bdew jintużaw mezzi inqas goffi iżda xorta waħda ħorox, bħas-sekwestru tal-ġid tal-konvenut (*l'immissio in bonorum possessionem*). Jekk minkejja dan kollu l-konvenut kien xorta waħda ma jitfaċċax (sakemm ma tkunx ġa bdiet l-ewwel fażi msejjħa *in jure*) il-kawża ma kinitx tista' titkompla għax il-*litis contestatio* ma setgħetx isseħħ mingħajr il-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet fil-kawża (ara fost l-oħrajn Bonamici, *Storia della procedura civile romana* (Pisa, 1886), vol. 1 p. 578). Għal raġunijiet ovvji, din is-sistema la kienet loġika u l-anqas ġusta; la mal-attur u l-anqas mal-konvenut. Minħabba din il-ħruxija, kien jingħad fl-awli tal-qrati li *"contra contamaces omnia jura clamant"*.

Illi biż-żmien, il-liġi evolviet b'mod li l-preżenza tal-konvenut ma baqgħetx indispensabbli billi beda jitqies li jekk ma jidhirx ikun qiegħed jikkontesta t-talba. L-attur beda jista' jressaq il-provi tiegħu u, jekk jirnexxielu jipprova l-każ tiegħu, il-konvenut kien jiġi kkundannat bħala kontumaċi, fis-sens li ma jkunx obda l-ordni tal-Qorti biex jidher quddiemha.

Għalkemm ma baqgħetx il-ħtieġa tal-preżenza tal-konvenut biex tkun tita' ssir il-kawża, xorta waħda baqgħu it-traċċi ta' qabel li jikkastigaw lill-konvenut talli jonqos li jidher u jiddefendi lilu nnifsu. Illum il-kontumaċi huwa ppenalizzat billi

[12] Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townshend – PA - 16.10.2017

ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew.

Il-liġi illum taqra hekk:

> "(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. *Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*"[13](il-parti fl-*italics* ġiet miżjuda mil-leġislatur).

Illi forsi s-sentenza bl-ikbar orjentament teleoloġiku fir-rigward tal-istitut tal-kontumaċja hija dik ippronunzjata mill-Qorti tal-Appell, kolleġjalment komposta, in re: **Costantino Abela v George Azzopardi[14]**:

> "Is-sinjifikat oriġinali u preċiż tal-kontumaċja, fil-konnotat ġuridiku tagħha, huwa n-nuqqas tal-konvenut li jkun preżenti għall-ġudizzju u dan minħabba motivi inġustifikanti inkwantu dik l-assenza tindika d-disubbidjenza għall-ordni tal-Qorti, indoċilita` tas-suġġett tad-dritt għar-rikjam tal-organi ġudizzjarji; renitenza għal dak li hu obbligatorju, u allura arroganza tal-konvenut fil-konfront tal-Ordinament tal-Proċeduri Ġudizzjarji;
>
> "Il-preżenza tal-konvenut fil-kawża – fis-sens ġuridiku tal-kelma tfisser li huwa jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni ġuramentata fiż-żmien stabbilit fil-liġi u meta ma jagħmilx dan u ma jiġġustifikax dik l-ommissjoni, għandu jiġi kkunsidrat kontumaċi – kif kjarament tiddisponi l-liġi. Il-kontumaċja għalhekk trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest illi assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza wkoll mill-udjenza – biex il-konvenut jiġi ritenut bħallikieku kontumaċi".

[13] il-parti fl-*italics* ġiet miżjuda mil-leġislatur mal-verżjoni oriġinali tal-Artiklu ċċittat

[14] 22.05.1990 Kollez Vol LXXIV.ii.337

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-attur ipprova t-talbiet tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara li l-konvenuti Darren Dimech u Mireille Dimech huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta’ mija u tnax il-elf, tmin mija u disgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€112,890.15);

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tikkundanna lill-istess konvenuti solidament bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta’ mija u tnax il-elf, tmin mija u disgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€112,890.15), u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-23 t’Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta’ Marzu 2018 u tal-mandat ta’ sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma’ din il-kawża, a karigu tal-konvenuti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA